VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,571, 10 ta' Mejju, 2016
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XXIV tal-2016

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), Kap. 413, u biex jipprovdi għal ħwejjeġ ancillari jew konsegwenzjali għal dan.

ACT No. XXIV of 2016

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, Cap. 413, and to provide for matters ancillary or consequential thereto.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MARIE-LOUISE COLEIRO PRECA**
President

10 ta' Mejju, 2016

ATT Nru XXIV tal-2016

ATT biex jemenda l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), Kap. 413, u biex jipprovdi għal ħwejjeġ anċillari jew konsegwenzjali għal dan.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

Kap. 413.

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2016 li jemenda l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

2. L-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fit-tifsira "akkomodazzjoni raġonevoli" minflok il-kelma "tibdil" għandhom jidħlu l-kliem "tibdil meħtieġ";

(b) minnufih wara t-tifsira "awtorità edukattiva" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Bord" huwa l-Bord imwaqqaf permezz tal-artikolu 20A;";

(ċ) minnufih wara t-tifsira "diżabilità" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

Kap. 525.

" "diżordni mentali" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-Att dwar is-Saħħa Mentali;";

VERŻJONI ELETTRONIKA

(d) minnufih wara t-tifsira "diżordni mentali" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "drittijiet ta' persuni b'diżabilità" tinkludi d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità msemmija fil-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità addottata mill-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda fit-13 ta' Diċembru 2006, u kull Protokoll Mhux Obbligatorju, flimkien mar-Riżervi hekk kif affermati u ratifikati minn Malta fit-30 ta' Marzu 2007 u fid-9 ta' Novembru 2012 rispettivament;";

(e) it-tifsira "fastidju" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "fastidju" tfisser meta persuna tiġi esposta għal xi att, rikjesta jew għemil li ma jkunux mixtieqa, inklużi kliem, mossi jew l-għemil, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni b'kull mezz ta' kliem miktub, stampi jew kull materjal ieħor li jista' raġonevolment jitqies offensiv, umiljanti, ostili, degradanti jew intimidatorju fir-rigward ta' dik il-persuna;";

(f) minnufih wara t-tifsira "fastidju" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

Kap. 491.

" "*foster carer*" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-Att dwar il-*Foster Care*;";

(g) minnufih wara t-tifsira "istituzzjoni edukattiva" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "komunikazzjoni" tinkludi lingwi, turija ta' testi, komunikazzjoni permezz tas-sens tal-ħass, *Braille*, tipa kbira, multimidja aċċessibbli kif ukoll komunikazzjoni permezz tal-kitba, awdjo, format faċli-biex-taqra, qarrejja jew interpreti umani jew multimedjali, forom awmentattivi u alternattivi, mezzi u formati ta' komunikazzjoni aċċessibbli u teknoloġija tal-komunikazzjoni;";

(h) minnufih wara t-tifsira "komunikazzjoni" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

VERŻJONI ELETTRONIKA

" "Konvenzjoni" tirreferi għall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità addottata mill-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda fit-13 ta' Diċembru 2006, u kull Protokoll Mhux Obbligatorju, flimkien mar-Riżervi hekk kif affermati u ratifikati minn Malta fit-30 ta' Marzu 2007 u fid-9 ta' Novembru 2012 rispettivament;";

(i) minnufih wara t-tifsira "Konvenzjoni" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Kummissarju" tfisser il-Kummissarju għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità maħtur skont ma hemm fl-artikolu 21, u tinkludi kull uffiċjal minnu debitament awtorizzat biex jaġixxi f'ismu għal xi għan speċifiku jew kategorija ta' għanijiet taħt dan l-Att;";

(j) it-tifsira "Kummissjoni" għandha tiġi emendata kif ġej:

" "Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità mwaqqfa skont ma hemm fl-artikolu 21;";

(k) minnufih wara t-tifsira "kuntratt ta' servizz" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Kunsill" tfisser il-Kunsill għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità kif maħtur u kompost skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 24;";

(l) minnufih wara t-tifsira "Kunsill" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "lingwa" tinkludi lingwi mitkellma, dawk permezz tas-sinjali, li tinkludi, iżda mhux biss, il-Lingwa tas-Sinjali Maltija u forom oħrajn ta' lingwi mhux mitkellma;";

(m) it-tifsira "membru tal-familja" għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) fil-paragrafu (b) tagħha minflok il-kliem "il-mara jew ir-raġel" għandhom jidħlu l-kliem "il-mara jew ir-raġel jew is-sieħeb jew is-sieħba";

(ii) il-paragrafu (d) tagħha għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(d) *foster carers*;"; u

(iii) minnufih wara l-paragrafu (d) tagħha għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(e) tutur legali jew kuratur, ta' dak l-individwu;";

(n) it-tifsira "Ministru" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli mid-diżabilità u l-iżvilupp ta' dan il-qasam, u tinkludi kull persuna li tkun debitament awtorizzata mill-Ministru msemmi biex taġixxi f'ismu għal għan speċifiku jew kategorija ta' għanijiet taħt dan l-Att;";

(o) minnufih wara t-tifsira "Ministru" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

Kap. 16.

" "minuri" tfisser dawk il-persuni li ma għalqux l-età maġġorenni kif imfisser fil-Kodiċi Ċivili;";

(p) fit-tifsira "organizzazzjoni volontarja" minnufih wara l-kliem "Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji" għandhom jiżdiedu l-kliem "li l-kumitat tagħha jkun kompost minn tal-inqas wieħed u ħamsin fil-mija minn persuni b'diżabilità jew membri tal-familja ta' persuni b'diżabilità li ma jkunux jistgħu jirrappreżentaw lilhom infushom, b'dan illi l-funzjonijiet eżekuttivi jkunu eżerċitati minn persuni b'diżabilità jew membri tal-familja ta' persuni b'diżabilità li ma jkunux jistgħu jirrappreżentaw lilhom infushom. Din it-tifsira tinkludi wkoll gruppi ta' persuni b'diżabilità intellettwali megħjuna minn persuni li m'għandhomx diżabilità;";

(q) fil-paragrafi (a) u (b) tat-tifsira "persuna b'diżabilità kwalifikata" minflok il-kliem "Taqsima III" għandhom jidħlu l-kliem "Taqsima IV"; u

(r) minnufih wara t-tifsira "tibdil" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "wild" tfisser minuri taħt il-kura u l-

VERŻJONI ELETTRONIKA

kustodja ta' ġenituri naturali, addottivi jew taħt il-kura ta' *foster carers*.".

3. L-intestaturi tat-Taqsimiet II, III, IV, V, VI u VII tal-Att prinċipali għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala t-Taqsimiet III, IV, V, VI, VII u VIII rispettivament.

Enumerazzjoni mill-ġdid tal-intestaturi ta' Taqsimiet tal-Att prinċipali.

4. L-artikolu 3 tal-Att prinċipali għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-artikolu 3A, u għandu jiġi emendat kif ġej:

Enumerazzjoni mill-ġdid u emenda tal-artikolu 3 tal-Att prinċipali.

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (6), u fl-imsemmi subartikolu minflok il-kliem "kontra persuna oħra" għandhom jidħlu l-kliem "ma' persuna oħra";

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (7), u fl-imsemmi subartikolu minflok il-kliem "tas-subartikolu (1)(a)" għandhom jidħlu l-kliem "tas-subartikolu (6)(a)"; u

(ċ) minnufih qabel is-subartikolu (6), kif enumerat mill-ġdid, tiegħu għandhom jiżdiedu s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(1) Persuna tiddiskrimina ma' persuna oħra b'mod multiplu jekk minbarra d-diżabilità tissussisti diskriminazzjoni *inter alia* minħabba l-ġeneru, l-età, l-istat ċivili, l-orjentazzjoni sesswali, ir-razza, l-etnija, it-twemmin, il-kulur tal-ġilda, l-affiljazzjoni trejdunjonistika u l-fehma politika.

(2) Persuna tkun qiegħda tiddiskrimina ma' persuna oħra minħabba f'diżabilità jekk ixxekkel l-indipendenza tal-ħsieb, l-avvanz soċjali u ekonomiku, u l-integrazzjoni fis-soċjetà ta' dik il-persuna.

(3) Persuna tkun qiegħda tiddiskrimina ma' persuna oħra minħabba f'diżabilità jekk iċċaħħad lil dik il-persuna l-oħra mill-protezzjoni u d-drittijiet li tagħti l-liġi.

(4) Ikun hemm diskriminazzjoni meta persuna:

(a) tonqos milli tagħti aċċess sħiħ lil persuna b'diżabilità għal dawk l-azzjonijiet kollha li tagħti l-liġi; jew

(b) tonqos milli tagħti informazzjoni dwar id-drittijiet tal-persuna l-oħra permezz ta' komunikazzjoni li l-persuna l-oħra tista' tifhem; jew

(ċ) tonqos milli toffri għajnuna lill-persuna l-oħra fi proċeduri marbuta ma' investigazzjoni, għoti ta' xhieda, u proċeduri simili; jew

(d) xjentement tillimita jew b'xi mod ixxekkel it-tgawdija ta' kwalunkwe dritt tal-persuna l-oħra li tkun akkwistat kemm *inter vivos* jew *causa mortis*:

B'dan illi l-paragrafi preċedenti jinkludu b'mod partikolari l-aġir hemm elenkat, iżda mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak imsemmi f'dan l-Att u l-Konvenzjoni.

(5) Persuna tkun qiegħda tiddiskrimina ma' persuna oħra minħabba f'diżabilità jekk tirreferi għall-persuna l-oħra jew tindirizzaha b'lingwaġġ mhux rispettuż. Dan japplika kemm għal persuna b'diżabilità b'mod individwali jew kollettivament, kif ukoll għal persuni b'diżabilità kemm b'mod dirett, kif ukoll permezz ta' referenza fuq il-mezzi kollha ta' komunikazzjoni, fosthom iżda mhux biss ix-xandir, l-istampar u korrispondenza.".

Żjieda ta' Taqsima ġdida fl-Att prinċipali.

5. Minnufih qabel it-Taqsima III, kif enumerata mill-ġdid, tal-Att prinċipali għandha tiżdied it-taqsima ġdida li ġejja:

"TAQSIMA II

ID-DRITTIJIET TA' PERSUNI B'DIŻABILITÀ

Drittijiet ta' persuni b'diżabilità.

3. (1) Kull persuna għandha d-dritt intrinsiku għall-ħajja, id-dinjità, ir-rispett u l-integrità mentali, riproduttiva u fiżika tagħha, u l-Istat għandu jiggarantixxi dan id-dritt lill-persuni b'diżabilità, kemm qabel u wara t-twelid.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Kull persuna għandha d-dritt tkun taf jekk għandhiex diżabilità mal-ewwel opportunità u mill-aktar fis possibbli. Għalhekk, kull persuna għandha d-dritt għal djanjożi li turi jekk persuna għandhiex diżabilità. B'dan li l-Istat huwa fid-dmir li jipprovdi informazzjoni u intervent bikri u komprensiv kif ukoll servizzi u għajnuna lil tfal b'diżabilità u lill-familji tagħhom.

(3) Kull min jabbanduna, jaħbi, jissegrega, jabbuża, jippersegwita u jisfrutta persuni b'diżabilità jkun ħati ta' reat taħt dan l-Att.

(4) Kull persuna b'diżabilità għandha d-dritt għall-familja u trobbija bħal kull persuna oħra.

(5) Kull persuna b'diżabilità għandha tgawdi mill-istess drittijiet u libertajiet fundamentali tal-individwu mingħajr diskriminazzjoni kif dikjarat fil-Kostituzzjoni ta' Malta. L-Istat għandu jiżgura li l-eżerċizzju ta' tali drittijiet ikun iggarantit ukoll meta flimkien mad-diżabilità jkun hemm fatturi oħra *inter alia* bħal ġeneru, l-età, l-istat ċivili, l-orjentazzjoni sesswali, ir-razza, l-etnija, it-twemmin, il-kulur tal-ġilda, l-affiljazzjoni trejdunjonistika u l-fehma politika tal-persuna b'diżabilità.

(6) Kull persuna b'diżabilità għandha d-dritt għal-libertà tal-espressjoni, opinjoni u assoċjazzjoni, inkluż il-libertà li tfittex, tirċievi u tagħti informazzjoni u ideat fuq bażi ugwali mal-oħrajn u permezz ta' kull forma ta' komunikazzjoni tal-għażla tagħha.

(7) Kull persuna b'diżabilità għandha d-dritt li tilħaq il-milja tal-kapaċitajiet fiżiċi, sesswali, riproduttivi, emozzjonali, soċjali, artistiċi u intellettwali tagħha.

(8) Kull persuna b'diżabilità għandha d-dritt li tieħu dawk id-deċiżjonijiet li jaffettwawlha ħajjitha u li tħoss li huma tajba għaliha wara li tiġi megħjuna biex tagħmel dan f'każ ta' talba għal tali għajnuna.

(9) Kull persuna b'diżabilità għandha d-dritt li tifforma familja jew unjoni ċivili skont il-każ u bħal kull persuna oħra.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(10) L-Istat għandu jiżgura li ma ssirx diskriminazzjoni kontra persuni b'diżabilità f'dak li għandu x'jaqsam ma' żwieġ, familja, responsabilitajiet tagħhom ta' ġenitur u relazzjonijiet. Fl-ebda lok ġenitur m'għandu jiġi sseparat mill-wild tiegħu minħabba fid-diżabilità tal-wild jew ta' wieħed mill-ġenituri, jew taż-żewġ ġenituri, u l-ebda persuna b'diżabilità m'għandha tiġi separata minn mal-familja tagħha minħabba fid-diżabilità tagħha:

B'dan illi kull deċiżjoni għandha tittieħed fl-aħjar interess tal-ulied li għandhom jew m'għandhomx diżabilità; u li l-istess interessi jiġu stabbiliti b'konsultazzjoni sħiħa mal-persuna b'diżabilità minn awtorità kompetenti skont liġijiet u proċeduri applikabbli, u suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju fejn l-aħjar interess tal-ulied għandu jipprevali.

(11) Il-persuna b'diżabilità għandha tkun ħielsa li tiddeċiedi fejn u ma' min tgħix.

(12) Il-persuna b'diżabilità għandu jkollha aċċess għal firxa ta' għodod ta' appoġġ, servizzi u faċilitajiet tal-komunità inkluż, iżda mhux limitati għal, assistenti personali, it-tagħmir teknoloġiku u tal-mobilità għall-għajnuna, biex tiġi żgurata l-inklużjoni effettiva. Servizzi bħal dawn għandhom ikunu disponibbli bi prezz raġonevoli u l-libertà tal-għażla għandha tkun tal-persuna b'diżabilità. L-għażla tal-oġġetti, is-servizzi u l-faċilitajiet għandha tirrifletti l-ħtiġiet u l-preferenzi tal-persuna b'diżabilità.

(13) Il-persuna b'diżabilità għandu jkollha aċċess għat-taħriġ fil-mobilità, fl-orjentament, fil-Lingwa tas-Sinjali Maltija, u fl-użu ta' tagħmir teknoloġiku.

(14) L-assessjar tal-persuna b'diżabilità għandu jkun multi-dixxiplinarju u trans-dixxiplinarju u jirrifletti l-ħtiġiet attwali u l-kwalitajiet tal-persuna.".

Emenda tal-artikolu 5 tal-Att prinċipali.

6. L-artikolu 5 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu minflok il-kliem "kontra persuna oħra" għandhom jidħlu l-kliem "ma' persuna oħra";

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) fis-subartikolu (4) tiegħu minflok il-kliem "kontra persuna oħra" għandhom jidħlu l-kliem "ma’ persuna oħra"; u

(ċ) fis-subartikolu (5) tiegħu minflok il-kliem "kontra persuna oħra" għandhom jidħlu l-kliem "ma’ persuna oħra".

7. Is-subartikolu (5) tal-artikolu 7 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda tal-artikolu 7 tal-Att prinċipali.

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu minflok il-kliem "li jkollhom diżabilitajiet; u" għandhom jidħlu l-kliem "li jkollhom diżabilitajiet;";

(b) fil-paragrafu (b) tiegħu minflok il-kliem "li jkollhom diżabilitajiet;" għandhom jidħlu l-kliem "li jkollhom diżabilitajiet; u"; u

(ċ) minnufih wara l-paragrafu (b) tiegħu għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) gwida għall-karriera ta’ kwalità u vokazzjonali, liema gwida għandha tkun mingħajr ħlas għall-persuna b’diżabilità.".

8. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 11 tal-Att prinċipali minflok il-kliem "Taqsima II" għandhom jidħlu l-kliem "Taqsima III".

Emenda tal-artikolu 11 tal-Att prinċipali.

9. Fl-intestatura tat-Titolu 3 minnufih qabel l-artikolu 12 tal-Att prinċipali minflok il-kelma "DĦUL" għandha tidħol il-kelma "AĊĊESS".

Emenda tal-intestatura tat-Titolu 3 tal-Att prinċipali.

10. Fl-intestatura tat-Titolu 6 minnufih qabel l-artikolu 15 tal-Att prinċipali minflok il-kliem "TITOLU 6" għandhom jidħlu l-kliem "TITOLU 7".

Enumerazzjoni mill-ġdid tal-intestatura tat-Titolu 6 tal-Att prinċipali.

11. L-intestatura tat-Titolu 5, minnufih qabel l-artikolu 14 tal-Att prinċipali, għandha tiġi sostitwita bl-intestatura ġdida li ġejja:

Sostituzzjoni tal-intestatura tat-Titolu 5 tal-Att prinċipali.

"TITOLU 6
AKKOMODAZZJONI".

12. Minnufih wara l-artikolu 13 tal-Att prinċipali għandu jiżdied it-titolu ġdid li ġej:

Żjieda ta’ Titolu ġdid fl-Att prinċipali.

"TITOLU 5
SAĦĦA

VERŻJONI ELETTRONIKA

Servizzi ta' saħħa.

13A. (1) Persuna tkun qiegħda tiddiskrimina ma' persuna oħra minħabba f'diżabilità jekk lil dik il-persuna tirrifjuta li tagħti servizz ta' saħħa tal-istess *standard*, kundizzjonijiet, ukoll finanzjarji, tal-firxa u ta' kwalità daqs dak ipprovdut lil persuni oħra, inkluż u mhux biss f'dak li għandu x'jaqsam ma' saħħa sesswali u riproduttiva.

Dan jinkludi wkoll, iżda mhux limitat, għar-rifjut li jiġu amministrati ikel jew fluwidi lil persuna b'diżabilità minħabba fid-diżabilità.

(2) Persuna b'diżabilità għandha dritt ukoll għal dawk is-servizzi ta' saħħa meħtieġa minn persuni b'diżabilità speċifikament minħabba fid-diżabilità tagħhom, inkluż:

(a) l-identifikazzjoni u interventi bikrija kif xieraq;

(b) assessjar li jirrifletti l-ħtiġiet attwali u l-kundizzjoni ta' saħħitha; u

(ċ) servizzi ta' rijabilitazzjoni u abilitazzjoni ddisinjati li jimminimizzaw u jipprevenu aktar diżabilitajiet:

b'dan li l-Istat għandu joffri kull għajnuna skont il-każ.".

Emenda tal-artikolu 14 tal-Att prinċipali.

13. L-artikolu 14 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kliem "Taqsima II" għandhom jidħlu l-kliem "Taqsima III"; u minflok il-kliem "kontra persuna oħra" għandhom jidħlu l-kliem "ma' persuna oħra"; u

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu minflok il-kliem "ma' jkunux" għandhom jidħlu l-kliem "ma jkunux"; u minflok il-kliem "jew faċilitajiet speċjali" għandhom jidħlu l-kliem "jew faċilitajiet partikolari".

Emenda tal-artikolu 20 tal-Att prinċipali.

14. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 20 tal-Att prinċipali minflok il-kliem "għandu jitqies" għandhom jidħlu l-kliem "għandu jitqies mill-Bord".

Żjieda ta' artikolu ġdid mal-Att prinċipali.

15. Minnufih wara l-artikolu 20 tal-Att prinċipali għandu

jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Bord li jiddetermina x'inhu raġonevoli taħt dan l-Att.

20A. (1) Għandu jkun hemm Bord li jiddetermina x'inhu raġonevoli, għall-għanijiet tal-artikolu preċedenti, maħtur mill-Kummissarju għal perjodu ta' tliet snin.

(2) Il-Bord għandu jkun kompost minn:

(a) ħames persuni li jirrappreżentaw organizzazzjonijiet, entitajiet pubbliċi u esperti fil-qasam;

(b) konsulent tekniku tal-Kummissarju; u

(ċ) membru tal-kumitat ta' organizzazzjoni volontarja kif imfisser fl-artikolu 2:

B'dan illi r-rappreżentanti tal-entitajiet pubbliċi u l-esperti fil-qasam u l-konsulent tekniku tal-Kummissarju jistgħu jinħatru minn żmien għal żmien skont in-natura tal-każ diskuss mill-Bord.

(3) Mill-inqas nofs l-għadd totali tal-membri tal-Bord għandhom ikunu persuni b'diżabilità jew membri tal-familja ta' persuni b'diżabilità li ma jkunux jistgħu jirrappreżentaw lilhom infushom:

B'dan illi l-għadd ta' persuni b'diżabilità għandu jkun akbar minn dak ta' membri tal-familja ta' persuni b'diżabilità li ma jkunux jistgħu jirrappreżentaw lilhom infushom.

(4) Il-Bord għandu jkun immexxi minn *Chairperson* li għandu jkun persuna b'diżabilità u jippressjedi kull laqgħa tal-Bord, megħjun minn Viċi *Chairperson* li għandu jkun persuna b'diżabilità.

(5) Il-Bord għandu jkollu Segretarju maħtur minn fost il-funzjonarji jew impjegati maħtura mill-Kummissarju.

(6) Il-*quorum* tal-Bord ikun ta' tliet membri, li wieħed minnhom ikun iċ-*Chairperson* jew il-Viċi *Chairperson*.

(7) Il-validità ta' kull proċediment tal-Bord m'għandhiex tintlaqat b'xi vakanza fost il-membri tal-Bord jew b'xi difett fil-ħatra ta' xi membru.

(8) Id-deċiżjonijiet tal-Bord jittieħdu b'maġġoranza tal-voti tal-membri preżenti. Iċ-*Chairperson* jew, fin-nuqqas tiegħu, il-Viċi *Chairperson*, ikollhom kemm vot oriġinali kif ukoll vot deċiżiv f'każ ta' voti ndaqs.

(9) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u tar-regolamenti kollha magħmula bis-saħħa tiegħu, il-Kummissarju jirregola l-proċedimenti kollha tal-Bord.

(10) Flimkien mal-membri tal-Bord jistgħu wkoll jiġu maħtura bħala osservaturi dawk l-uffiċjali kompetenti u maħtura minn kull Ministeru li jistgħu jissejħu mill-Kummissarju minn żmien għal żmien biex jassistu lill-Bord fil-ħidma tiegħu, b'dan illi l-Kummissarju jista' jissuġġerixxi uffiċjali partikolari għal dan il-għan.

(11) Kull talba li ssir lill-Bord għandha ssir bil-miktub; f'każ li dik il-persuna li trid tagħmel it-talba tagħha tinħtieġ l-għajnuna biex tifformula dik it-talba bil-fomm u, jew bil-miktub, ikun id-dmir tal-Kummissarju li jieħu l-passi raġonevoli biex jipprovdi għajnuna xierqa lil dik il-persuna.

(12) Id-deċiżjoni tal-Bord m'hijiex appellabbli.".

Emenda tal-intestatura tat-Taqsima VI tal-Att prinċipali.

16. Fl-intestatura tat-Taqsima VI, kif enumerata mill-ġdid, tal-Att prinċipali minflok il-kliem "KUMMISSJONI NAZZJONALI PERSUNI B'DIŻABILITÀ" għandhom jidħlu l-kliem "KUMMISSJONI GĦAD-DRITTIJIET TA' PERSUNI B'DIŻABILITÀ".

Sostituzzjoni tal-artikolu 21 tal-Att prinċipali.

17. L-artikolu 21 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità

21. (1) Għandu jkun hemm Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, li tissejjaħ "Kummissjoni", u li tkun magħmula minn Kummissarju għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, maħtur skont ma hemm fl-artikolu 21A, flimkien ma' Kunsill għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, li jissejjaħ "Kunsill", maħtur skont ma hemm fl-artikolu 24.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Ir-rappreżentanza ġuridika tal-Kummissjoni tkun vestita fil-Kummissarju.".

18. Minnufih wara l-artikolu 21 tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

Żjieda ta' artikolu ġdid mal-Att prinċipali.

"Kummissarju għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità.

21A. (1) Il-Prim Ministru għandu, fuq parir tal-Ministru, jaħtar Kummissarju għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, li sa fejn huwa possibbli għandha tkun persuna b'diżabilità, li jissejjaħ "il-Kummissarju".

(2) Persuna ma tkunx kwalifikata biex ikollha l-kariga ta' Kummissarju jekk dik il-persuna:

(a) tkun Ministru, Segretarju Parlamentari, jew Membru tal-Kamra tad-Deputati; jew

(b) tkun qed isservi bħala mħallef jew maġistrat; jew

(ċ) tkun falluta, jew tkun għamlet arranġament mal-kredituri tagħha, jew tkun insolventi jew tkun instabet ħatja ta' xi delitt volontarju kontra l-persuna; jew

(d) tkun instabet ħatja ta' delitt li jolqot il-fiduċja pubblika jew ta' serq jew frodi, jew li tkun xjentement irċeviet proprjetà miksuba b'serq jew frodi, ta' delitt li jolqot il-bon ordni tal-familji, jew ksur ta' xi dispożizzjoni ta' dan l-Att jew tal-Konvenzjoni; jew

(e) ma tkunx kapaċi twettaq dmirijietha; jew

(f) tkun membru ta' għaqda ta', jew għal, persuni b'diżabilità.

(3) Meta l-persuna maħtura Kummissarju tkun qabel dik il-ħatra diġà uffiċjal pubbliku, din il-persuna għandha tibqa' żżomm dik il-kariga imma ma tista' tokkupa ebda kariga li tkun mhux kompatibbli mal-qadi kif imiss tad-dmirijiet uffiċjali tagħha bħala Kummissarju għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità jew mal-imparzjalità u l-indipendenza mistennija minn din il-kariga jew mill-fiduċja pubblika fiha.

(4) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet stabbiliti taħt dan l-Att, il-Kummissarju għandu jaġixxi indipendentement u ma għandu jkun soġġett għad-direzzjoni jew il-kontroll ta' ebda persuna jew awtorità oħra.

(5) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (6), il-Kummissarju għandu jibqa' fil-kariga għal żmien tliet snin, u għandu jkun eliġibbli biex jerġa' jinħatar mill-ġdid meta jiskadi dak iż-żmien tal-kariga.

(6) Sakemm ma tivvakax il-kariga qabel, persuna maħtura bħala Kummissarju għandha tibqa' fil-kariga sakemm jiġi maħtur Kummissarju ġdid.

(7) Il-Kummissarju jista' f'kull żmien jirriżenja mill-kariga tiegħu billi jikteb lill-Ministru.

(8) Il-Kummissarju jista' f'kull żmien jitneħħa jew ikun sospiż mill-kariga mill-Prim Ministru wara konsultazzjoni mal-Ministru għal raġunijiet ta' nuqqas ta' ħila bil-provi biex jaqdi l-funzjonijiet ta' kariga ta' Kummissarju jew imġiba ħażina bil-provi jew assenza mhux ġustifikata ta' aktar minn erbatax-il jum konsekuttivi jew għal tmienja u għoxrin jum f'perjodu ta' tnax-il xahar.

(9) Il-Prim Ministru jista', f'kull żmien waqt xi assenza tal-Kummissarju, jew għal xi fini temporanju ieħor meta l-Kummissarju jidhirlu meħtieġ li jagħmel hekk, jaħtar persuna sabiex taġixxi fil-kariga ta' Kummissarju skont dan l-artikolu, sakemm il-Kummissarju jerġa' jassumi r-responsabilitajiet tiegħu taħt dan l-Att; dan sakemm il-persuna maħtura tkun persuna eliġibbli għal din il-kariga skont dan l-Att.".

Emenda tal-artikolu 22 tal-Att prinċipali.

19. L-artikolu 22 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) l-artikolu preżenti għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tal-istess artikolu;

(b) fis-subartikolu (1) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "tfal, nisa u rġiel" għandhom jidħlu l-kliem "persuni";

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ċ) fil-paragrafu (k) tas-subartikolu (1) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, il-kliem "inkluża għajnuna legali u finanzjarja" għandu jiġi mħassar;

(d) fil-paragrafu (p) tas-subartikolu (1) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, il-kliem "u sabiex jagħmel azzjoni ġudizzjarja kif imsemmi l-Kummissarju għandu jitqies f'kull każ li għandu l-interess ġuridiku meħtieġ biex jagħmel dik l-azzjoni f'ismu" għandu jiġi mħassar; u

(e) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandhom jiżdiedu s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(2) Il-Kummissarju huwa responsabbli li jwettaq il-funzjonijiet tal-Kummissjoni; b'dan illi huwa jista' jaħtar, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 26(2), dawk l-uffiċjali li jidhirlu li għandu jkollu sabiex jara li dawn il-funzjonijiet qegħdin jiġu mwettqa.

(3) Il-Kummissarju, f'isem il-Kummissjoni, għandu l-jedd jagħmel kull azzjoni neċessarja, inklużi dawk ġudizzjarji, sabiex jara li d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att qegħdin jiġu osservati, u għandu jitqies li għandu l-interess ġuridiku meħtieġ f'isem il-Kummissjoni.".

20. L-artikolu 23 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

Sostituzzjoni tal-artikolu 23 tal-Att prinċipali.

"23. (1) Il-Kummissarju jista' jaħtar lil xi funzjonarju jew impjegat wieħed jew iktar biex jidhru f'ismu u għalih f'kull proċediment ġudizzjarju u fuq kull att, kuntratt, ftehim jew dokument ieħor li jkun.

(2) Dokument li juri li jkun strument magħmul jew maħruġ u ffirmat mill-Kummissarju għandu jintlaqa' bi prova u għandu, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, jitqies bħala strument magħmul jew maħruġ mill-Kummissarju.".

21. L-artikolu 24 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

Sostituzzjoni tal-artikolu 24 tal-Att prinċipali.

VERŻJONI ELETTRONIKA

"Kunsill għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità.

24. (1) Għandu jkun hemm Kunsill għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità maħtur mill-Ministru, sabiex jgħin lill-Kummissarju fil-qadi ta' dmirijietu, magħmul mill-Kummissarju li jippresjedi u mhux inqas minn erbatax-il membru maħtura mill-Ministru.

(2) Fost il-membri tal-Kunsill, li għandhom jirrappreżentaw tipi differenti ta' diżabilità u jkunu rappreżentattivi tas-soċjetà, għandu jkun hemm:

(a) disa' membri li huma rappreżentanti ta' għaqdiet volontarji ta' persuni b'diżabilità, wara konsultazzjoni ma' dawk l-organizzazzjonijiet volontarji;

(b) membru li huwa rappreżentant tal-Università ta' Malta;

(ċ) membru li huwa rappreżentant tal-entitajiet li jipprovdu s-servizzi għall-persuni b'diżabilità;

(d) membru li huwa rappreżentant tad-djar residjenzali ta' persuni b'diżabilità;

(e) membru li huwa nominat mill-Gvern; u

(f) membru li huwa nominat mill-Oppożizzjoni:

B'dan illi mill-inqas nofs l-għadd totali tal-membri tal-Kunsill għandhom ikunu persuni b'diżabilità jew membri tal-familja ta' persuni b'diżabilità li ma jkunux jistgħu jirrappreżentaw lilhom infushom.

(3) Flimkien mal-Kummissarju u l-membri tal-Kunsill għandhom ukoll jiġu maħtura bħala osservaturi dawk l-uffiċjali kompetenti u maħtura minn kull Ministeru li jistgħu jissejħu mill-Kummissarju minn żmien għal żmien biex jassistu lill-Kunsill fil-ħidma tiegħu, b'dan illi l-Kummissarju jista' jissuġġerixxi uffiċjali partikolari għal dan il-għan.

(4) Persuna ma tkunx kwalifikata biex tkun membru fuq il-Kunsill jekk dik il-persuna:

(a) tkun qed isservi bħala mħallef jew maġistrat; jew

(b) tkun falluta, jew tkun għamlet arranġament mal-kredituri tagħha, jew tkun insolventi jew tkun instabet ħatja ta' xi delitt volontarju kontra l-persuna; jew

(ċ) tkun instabet ħatja ta' delitt li jolqot il-fiduċja pubblika jew ta' serq jew frodi, jew li tkun xjentement irċeviet proprjetà miksuba b'serq jew frodi, ta' delitt li jolqot il-bon ordni tal-familji, jew ksur ta' xi dispożizzjoni ta' dan l-Att jew tal-Konvenzjoni; jew

(d) ma tkunx kapaċi twettaq dmirijietha.

(5) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (6), il-membri tal-Kunsill għandhom jibqgħu fil-kariga għal żmien tliet snin, u għandhom ikunu eliġibbli biex jerġgħu jinħatru bħala membri mill-ġdid meta jiskadi dak iż-żmien tal-kariga.

(6) Membru jista' f'kull żmien jirriżenja mill-kariga tiegħu billi jikteb lill-Ministru.

(7) Membru jista' f'kull żmien jitneħħa jew ikun sospiż mill-kariga mill-Ministru wara konsultazzjoni mal-Kummissarju minħabba:

(a) nuqqas ta' ħila bil-provi biex jaqdi l-funzjonijiet ta' membru fuq il-Kunsill; jew

(b) imġiba ħażina bil-provi; jew

(ċ) assenza mhux ġustifikata ta' aktar minn tliet laqgħat konsekuttivi; jew

(d) jekk, billi jkun membru magħżul minħabba fl-istat rappreżentattiv tiegħu, huwa jtemm milli jibqa' jkollu dak l-istat rappreżentattiv; jew

(e) f'każ li sseħħ xi waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fis-subartikolu (4).".

22. L-artikolu 25 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej: Sostituzzjoni tal-artikolu 25 tal-Att prinċipali.

"Proċediment u xogħol tal-Kunsill. 25. (1) Il-Kummissarju għandu jedd li jirregola l-proċedimenti tal-Kunsill.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Bla ħsara għas-subartikolu (1), il-*quorum* tal-laqgħat tal-Kunsill ikun ta' sitt membri flimkien mal-Kummissarju.

(3) Minkejja li jkun hemm xi difett fil-ħatra ta' xi membru, jew xi post vakant fost il-membri tal-Kunsill, il-proċedimenti tal-Kunsill ikunu validi.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 26 tal-Att prinċipali.

23. L-artikolu 26 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Uffiċċju tal-Kummissarju.

26. (1) Il-Kummissarju għandu jokkupa l-kariga fuq bażi *full-time* b'dawk il-patti u l-kondizzjonijiet indikati mill-Ministru. Meta l-Kummissarju jkun uffiċjal pubbliku sekondat minn mal-Gvern, huwa jkollu l-jedd, malli jtemm milli jibqa' sekondat, illi jerġa' lura għall-post li kien jokkupa qabel mingħajr ma jitlef il-pożizzjoni jew l-anzjanità tiegħu.

(2) Il-Kummissarju jista' jaħtar, wara li jikkonsulta lill-Ministru, dawk l-uffiċjali li jidhirlu li għandu jkollu, skont l-approvazzjoni tal-Ministru għal dak li hu l-għadd u rimunerazzjoni u patti u kondizzjonijiet oħra tas-servizz.

(3) Il-Kummissarju għandu jittratta bħala kunfidenzjali, id-dokumenti kollha u kull informazzjoni oħra li tkun fil-pussess jew taħt il-kontroll tiegħu, jew li b'xi mod tiġi għall-attenzjoni tiegħu, u li jkunu jikkonċernaw persuni b'diżabilità flimkien ma' kull kwistjoni jew ħwejjeġ oħra relatati mal-imsemmija persuni b'diżabilità, u l-obbligu tal-kunfidenzjalità hekk imqiegħed fuq il-Kummissarju għandu jestendi għall-uffiċjali u l-impjegati tal-Kummissjoni.".

Emenda tal-artikolu 28 tal-Att prinċipali.

24. Fl-artikolu 28 tal-Att prinċipali minflok il-kliem "is-sena finanzjarja tagħha" għandhom jidħlu l-kliem "is-sena finanzjarja".

Sostituzzjoni tal-artikolu 29 tal-Att prinċipali.

25. L-artikolu 29 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"Finanzjament tal-Kummissjoni, kontijiet u verifika.

29. (1) Mill-anqas xahrejn qabel tmiem is-sena finanzjarja tagħha, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Ministru pjan ta' azzjoni (inkluż pjan finanzjarju) li jkun ikopri l-attivitajiet proposti tal-Kummissjoni matul is-sena finanzjarja li tkun tmiss. Jekk dak il-pjan ta' azzjoni u l-pjan finanzjarju jiġu approvati mill-Ministru kif ukoll mill-Ministru għall-Finanzi, dawn isiru l-estimi approvati tal-Kummissjoni.

(2) Il-Kummissjoni għandha żżomm kontijiet sew tad-dħul u l-ħruġ tagħha u għandha tħejji u tibgħat lill-Ministru dikjarazzjonijiet li juru l-kontijiet tagħha għal kull sena finanzjarja.

(3) Il-kontijiet tal-Kummissjoni jistgħu jiġu verifikati mill-Awditur Ġenerali u għal dan il-għan għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika. Kap. 174.

(4) Il-Ministru għandu, mal-ewwel opportunità, jieħu ħsieb li jqiegħed kopja tal-kontijiet tal-Kummissjoni fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati.

(5) Is-sena finanzjarja tal-Kummissjoni tkun ta' tnax-il xahar li jintemmu fil-31 ta' Diċembru, b'dan illi l-ewwel sena finanzjarja tal-Kummissjoni wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att għandha tibda fid-data li fiha dan l-Att jiġi fis-seħħ u tispiċċa fil-31 ta' Diċembru tas-sena li tiġi minnufih wara.".

26. L-artikolu 30 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 30 tal-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu minflok il-kliem "għal bżonnijiet ta' tfal, nisa u rġiel b'diżabilità" għandhom jidħlu l-kliem "għal bżonnijiet ta' persuni b'diżabilità"; u

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu minflok il-kelma "Kummissjoni" kull fejn tinsab għandha tidħol il-kelma "Kummissarju".

27. L-artikolu 32 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 32 tal-Att prinċipali.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kliem "Il-Kummissjoni tista' hi nnifisha tibda" għandhom jidħlu l-kliem "Il-Kummissarju, f'isem il-Kummissjoni, jista' hu nnifsu jibda";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu minflok il-kliem "Il-Kummissjoni tista' ukoll tibda" għandhom jidħlu l-kliem "Il-Kummissarju jista' ukoll jibda"; minflok il-kliem "li tkun irċeviet" għandhom jidħlu l-kliem "li jkun irċieva"; u minflok il-kliem "jsir lill-Kummissjoni" għandhom jidħu l-kliem "jsir lill-Kummissarju"; u

(ċ) fis-subartikolu (3) tiegħu minflok il-kliem "il-Kummissjoni jidhrilha" għandhom jidħlu l-kliem "il-Kummissarju jidhirlu"; minflok il-kliem "id-dmir tal-Kummissjoni" għandhom jidħlu l-kliem "id-dmir tal-Kummissarju"; u minflok il-kliem "biex tipprovdi għajnuna" għandhom jidħu l-kliem "biex jipprovdi għajnuna".

Emenda tal-artikolu 33 tal-Att prinċipali.

28. L-artikolu 33 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kliem "li l-Kummissjoni tagħmel" għandhom jidħlu l-kliem "li l-Kummissarju jagħmel"; u fil-paragrafu (a) tal-istess subartikolu minflok il-kliem "li biha l-Kummissjoni tista' ġġiegħel persuna tagħtiha" għandhom jidħlu l-kliem "li biha l-Kummissarju jista' jġiegħel persuna tagħtih"; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu minflok il-kliem "il-Kummissjoni tista' hi nnifisha tirreferixxi" għandhom jidħlu l-kliem "il-Kummissarju jista' hu nnifsu jirreferi".

Emenda tal-artikolu 35 tal-Att prinċipali.

29. Fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 35 tal-Att prinċipali minflok il-kliem "tat-Taqsima III" għandhom jidħlu l-kliem "tat-Taqsima IV"; u minflok il-kliem "mal-Kummissjoni" għandhom jidħlu l-kliem "mal-Kummissarju".

Żjieda ta' artikolu ġdid mal-Att prinċipali.

30. Minnufih wara l-artikolu 36 tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Inkonsistenza ma' dan l-Att.

37. Meta xi ligi oħra tkun inkonsistenti ma' dan l-Att, dan l-Att għandu jipprevali meta tali inkonsistenza tirrigwarda d-drittijiet ta' persuni b'diżabilità.".

31. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 188A tal-Kodiċi Ċivili, minflok il-kliem "tkun soġġetta għal kustodja." għandhom jidħlu l-kliem "tkun soġġetta għal kustodja; u minkejja l-imsemmija dispożizzjonijiet tas-Subtitolu II fuq l-Interdizzjoni u l-Inabilitazzjoni, sa fejn dan ikun possibbli, il-ġenituri ta' persuna b'diżabilità tal-età b'diżordni mentali jew b'kundizzjoni oħra, li tagħmilha inkapaċi li tieħu ħsieb ħwejjiġha, għandhom ifittxu l-ewwel li jqiegħdu lill-persuna b'diżabilità taħt kustodja qabel ma jfittxu l-interdizzjoni jew l-inabilitazzjoni tal-istess persuna.". Emenda konsegwenzjali fil-Kodiċi Ċivili. Kap. 16.

32. Fl-artikolu 3 tal-Att dwar l-Edukazzjoni minflok il-kliem "ta' età, sess, twemmin" għandhom jidħlu l-kliem "ta' età, sess, diżabilità, twemmin". Emenda konsegwenzjali fl-Att dwar l-Edukazzjoni. Kap. 327.

33. Mal-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, kull applikazzjoni jew azzjoni pendenti li tirrigwarda d-dispożizzjonijiet tal-Att prinċipali għandha tiġi regolata bid-dispożizzjonijiet tal-Att prinċipali kif emendat b'dan l-Att. Dispożizzjoni transitorja.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 384 tat-3 ta' Mejju, 2016.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati